**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-08 ta' Marzu, 2019**

**Talba Numru: 524/2018 AM3.**

**Numru fuq il-Lista: 23.**

**MLR Imports Limited (C-13900)**

**Triq Qoton,**

**Santa Lucija**

**Vs**

**Concetta Cristina sive Conris Pace Rivans (K.I 276173M)**

**ezercjenti l-kummerc bl-isem:**

**'E Convenience',**

**66, Triq id-Dolmen**

**Marsaskala**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici prezentat fil-05 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talba li l-konvenuta thallasha s-somma ta' mija u sitta u disghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€196.93c) ammont ta' prodotti ta' ikel tal-annimali li gew konsenjati lill-konvenuta fil-hanut taghha fl-24 ta' Novembru, 2017.

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta a fol 7 tal-process.

Semgha rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u disghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€196.93c) bl-imghax mid-data tal-kunsinna sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**